MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 29.9.2010
KUMM(2010) 523 finali

2010/0277 (NLE)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija kixfet u kabbret il-ħtieġa għal koordinazzjoni akbar u sorveljanza mseddqa tal-politiki ekonomiċi fl-unjoni ekonomika u monetarja (UEM). Strumenti u metodi eżistenti ta' koordinazzjoni u sorveljanza taw il-kapaċità lill-UE li tegħleb il-maltempata li l-ebda Stat Membru ma seta' jegħleb waħdu. L-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri rreaġixxew b'mod rapidu u qegħdin ikomplu jaħdmu flimkien biex jirkupraw minn kriżi li ma għandha l-ebda preċedent fil-ġenerazzjoni tagħna.

Madankollu, dawn l-esperjenzi riċenti żvelaw ukoll nuqqasijiet u dgħjufijiet li għad baqa' fis-sistema attwali ta' koordinazzjoni u fil-proċeduri ta' sorveljanza eżistenti. Hemm qbil komuni li l-qafas għall-UEM għandu jissaħħaħ b'mod urġenti sabiex tkun ankrata kemm l-istabbiltà makroekonomika kif ukoll is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, li huma prekundizzjonijiet għal riżultati dejjiema u żieda fl-impjiegi.

Il-kriżi tefgħet lura b'mod drastiku l-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji favorevoli li pprevalew sal-2007 u għamlet ċar għal darb'oħra li profitti imprevisti akkumulati matul iż-żminijiet tajbin ma kinux intużaw biżżejjed biex jinħoloq spazju għall-immanuvrar meta ż-żminijiet jeħżienu. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri sejra tkun meħtieġa konsolidazzjoni mdaqqsa sewwa sabiex id-dejn pubbliku jerġa' jinġieb għan-niżla. Dan jinħass b'mod aktar urġenti minħabba li s-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej qegħdin jiffaċċjaw l-effetti ta' popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu, ħaġa li sejra żżid il-pressjoni fuq il-provvista tal-ħaddiema u l-baġits pubbliċi. It-tnaqqis fil-livelli tad-dejn huwa rilevanti ħafna għall-maġġoranza tal-pajjiżi minħabba l-effetti negattivi tiegħu fuq l-inċentivi ekonomiċi u fuq it-tkabbir permezz ta' taxxi u primjums fuq ir-riskju aktar għoljin.

L-istrument ewlieni għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika fiskali huwa l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP), li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar id-dixxiplina baġitarja. It-tisħiħ tal-Patt huwa importanti kemm biex tiżdied il-kredibilità tal-istrateġija fiskali ta' ħruġ miftehma u kkoordinata kif ukoll biex tkun evitata ripetizzjoni tal-iżbalji tal-passat. Is-sett ta' proposti li qiegħed jiġi ppreżentat issa għandu l-għan li jsaħħaħ il-Patt billi: (1) itejjeb id-dispożizzjonijiet tiegħu fid-dawl tal-esperjenza, speċjalment tal-kriżi; (ii) jarmah bi strumenti ta' infurzar aktar effettivi; u (iii) jikkumplimentah b'dispożizzjonijiet dwar l-oqfsa fiskali nazzjonali. Dan is-sett ta' proposti huwa parti minn riforma usa' ta' governanza ekonomika taħt l-umbrella tal-istrateġija ta' Ewropa 2020, li tinkludi proposti biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi permezz ta' sorveljanza aktar qawwija, li tinkludi mekkaniżmi ta' twissija u sanzjonijiet. Il-linji differenti ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, inkluż is-sorveljanza tar-riformi strutturati, għandhom jiġu integrati f'ċiklu ta' sorveljanza ġdid, is-Semestru Ewropew, li sejjer jiġbor flimkien il-proċessi eżistenti taħt l-SGP u l-Linji Gwida Ekonomiċi Wiesgħin ta' Politika, inkluż is-sottomissjoni simultanja ta' programmi ta' stabbiltà u konverġenza u programmi ta' riforma nazzjonali.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-linji ġenerali ta' dawn il-proposti tħabbru mill-Kummissjoni f'żewġ komunikazzjonijiet: It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tat-12 ta' Mejju 2010 u t-Tisdiq tal-

koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabbiltà, it-tkabbir u l-impjiegi – Strumenti għal governanza ekonomika aktar qawwija tal-UE tat-30 ta' Ġunju 2010. Meta għażlet komunikazzjoni formali, il-Kummissjoni xtaqet turi l-impenn tagħha għat-tkattir tad-djalogu mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew u mal-partijiet interessati kollha, waqt li fl-istess ħin tagħti proposti konkreti għall-azzjoni.

F'Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tagħna. Il-ftehim kien jinkludi l-ewwel orjentazzjonijiet fir-rigward tal-SGP u s-sorveljanza tal-baġit. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew qabel dwar: (i) it-tisħiħ kemm tal-parti preventiva kif ukoll dik korrettiva tal-SGP, inkluż b'sanzjonijiet u b'konsiderazzjoni xierqa tal-qagħda partikolari tal-Istati Membri taż-żona tal-euro; (ii) l-għoti ta' rwol iktar prominenti, fis-sorveljanza baġitarja, lill-livelli u l-evoluzzjonijiet ta' dejn u s-sostenibbiltà ġenerali; (iii) l-iżgurar li l-Istati Membri kollha għandhom regoli baġitarji u oqfsa baġitarji fuq medda medja ta' żmien konformi mal-SGP; l-iżgurar tal-kwalità tad-dejta statistika.

Il-Kunsill Ewropew stieden lit-Task Force dwar il-governanza ekonomika mmexxija mill-President tagħha u stabbilita f'Marzu 2010 u lill-Kummissjoni biex malajr jiżviluppaw aktar dawn l-orjentazzjonijiet u jagħmluhom operattivi. Żviluppat relazzjoni kostruttiva bejn il-Kummissjoni u t-Task Force. Il-Kummissjoni kkontribwit għax-xogħol tat-Task Force permezz tal-Komunikazzjonijiet imsemmija hawn fuq u permezz ta' kontribuzzjonijiet *ad hoc*.

## 3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-bażi ġuridika għall-SGP hija stabbilita fl-Artikoli 121 u 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-SGP jikkonsisti: fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (li tissejjaħ il-parti preventiva); ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (li tissejjaħ il-parti korrettiva); u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dawn ir-Regolamenti ġew emendati fl-2005 bir-Regolamenti (KE) Nru 1055/2005 u (KE) Nru 1056/2005 u kkumplimentati bir-Rapport tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2005 dwar it-'Titjib fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir'. Il-proposti attwali jippreżentaw aktar emendi għar-Regolamenti Nru 1466/97 u (KE) Nru 1467/97. F'Regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro hemm proposti strumenti ta' infurzar addizzjonali, fuq il-bażi tal-Artikolu 136 tat-Trattat, f'kombinazzjoni mal-Artikolu 121(6). Ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri huma s-suġġett ta' Direttiva tal-Kunsill ġdida bbażata fuq l-Artikolu 126(14): id-Direttiva għandha l-għan b'mod partikolari li tispeċifika l-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 12 għat-Trattati dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

Il-parti preventiva tal-SGP hija intenzjonata li tiżgura li l-Istati Membri jsegwu politiki fiskali prudenti sabiex ma jkunx hemm il-bżonn li jadottaw forom aktar stretti ta' koordinazzjoni sabiex ikun evitat li s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi titpoġġa f'riskju, b'konsegwenzi negattivi potenzjali għall-UEM kollha. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma meħtieġa li jippreżentaw programmi ta' stabbiltà u konverġenza li jiddeskrivu b'mod ġenerali l-pjanijiet tagħhom għall-ilħuq tal-objettivi baġitarji għal perjodu ta' żmien medju (MTOs), li huma

ddefiniti bħala perċentwal tal-PGD f'termini strutturali (jiġifieri l-aġġustar għall-effett taċ-ċiklu u l-esklużjoni ta' miżuri ta' darba u ta' miżuri temporanji) u ssir distinzjoni bejnithom fil-pajjiżi madwar pożizzjoni qrib il-bilanċ biex jirriflettu l-livell ta' dejn pubbliku u r-responsabbiltajiet relatati max-xjuħija. L-Istati Membri li ma laħqux l-MTO tagħhom huma mistennija li joqorbu lejh b'pass annwali ta' 0.5% tal-PGD f'termini strutturali.

Madankollu, il-progress lejn l-MTOs b'mod ġenerali ma kienx biżżejjed, u dan ħalla l-finanzi pubbliċi esposti wisq għat-tnaqqis ekonomiku. Barra minn hekk, il-bilanċ strutturali fil-prattika rriżulta li mhuwiex miżura suffiċjenti tal-pożizzjoni fiskali bażi ta' pajjiż, minħabba d-diffikultà li tkun evalwata l-pożizzjoni ċiklika tal-ekonomija fi żmien reali u minħabba nuqqas ta' attenzjoni rigward il-profitti imprevisti fid-dħul u nuqqasijiet mhux direttament relatati maċ-ċiklu ekonomiku (b'mod partikolari l-iżviluppi fis-suq tal-akkomodazzjoni u dak finanzjarju). Minħabba f'hekk, f'għadd ta' pajjiżi, anki pożizzjonijiet baġitarji apparentament sodi qabel il-kriżi ħbew dipendenza qawwija fuq id-dħul minn profitti imprevisti biex ikun iffinanzjat l-infiq, li, il-kontra ta' liema ikkontribwixxa għal żbilanċi baġitarji dejjem jogħlew.

Bħala tweġiba għal dawn in-nuqqasijiet, ir-riforma tal-parti preventiva li qiegħda tiġi proposta, waqt li żżomm l-MTOs attwali u r-rekwiżit ta' konverġenza annwali ta' 0.5% tal-PGD, tagħmilhom operattivi fir-rigward ta' prinċipju ġdid ta' tfassil ta' politika fiskali prudenti. Dan il-prinċipju jimplika li ż-żieda fl-infiq annwali m'għandux jaqbeż – u jekk l-MTO jkun ma ntlaħaqx, għandu jkun b'mod ċar taħt – rata ta' tkabbir tal-PGD prudenti għal perjodu ta' żmien medju, sakemm l-MTO ma kienx inqabbeż iżżejjed b'mod sinifikanti jew l-eċċess taż-żieda fl-infiq fuq ir-rata prudenti għal perjodu ta' żmien medju ikun akkumpanjat minn miżuri diskrezzjonarji fuq in-naħa tad-dħul. L-għan essenzjali huwa li jkun żgurat li l-profitti mid-dħul imprevisti ma jintefqux iżda minflok jiġu allokati għat-tnaqqis tad-dejn. Il-prinċipju l-ġdid sejjer jipprovdi l-punt ta' referenza li miegħu sejrin jiġu eżaminati l-pjanijiet fiskali tal-pajjiżi fil-programm ta' stabbiltà u konverġenza. Barra minn hekk, jekk jonqos milli jżomm mar-rata ta' tkabbir tal-infiq li jkun sar ftehim fuqha, flimkien mal-miżuri ta' dħul stipulati, l-Istat Membru kkonċernat sejjer ikun suxxettibbli għal twissija mill-Kummissjoni u, jekk din il-ħaġa tkun persistenti u/jew tkun partikolarment serja, ikun suxxettibbli għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jieħu azzjoni korrettiva maħruġa skont l-Artikolu 121 tat-Trattat. Tali rakkomandazzjoni, waqt li tinħareġ fil-kuntest tal-parti preventiva, sejra tkun appoġġjata, għall-ewwel darba u għall-pajjiżi taż-żona tal-euro biss, b'mekkaniżmu ta' infurzar skont l-Artikolu 136 tat-Trattat, taħt il-forma ta' depożitu li jagħti l-imgħax, li jammonta għal 0.2% tal-PGD. Proċedura ta' mekkaniżmu ta' 'votazzjoni bil-kontra' hija introdotta għall-impożizzjoni tad-depożitu li jagħti l-imgħax: mal-ħruġ ta' rakkomandazjoni, id-depożitu jsir dovut fuq proposta mill-Kummissjoni, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix il-kuntrarju b'maġġoranza kkwalifikata fi żmien għaxart ijiem. Il-Kunsill jista' jnaqqas l-ammont tad-depożitu unanimament biss jew fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni u fuq talba raġunata mill-Istat Membru kkonċernat. Id-depożitu jintradd lura bl-imgħax dovut ladarba l-Kunsill ikun sodisfatt li s-sitwazzjoni li tkun sawritu tkun waslet fi tmiemha.

Il-parti korrettiva tal-SGP hija intenzjonata sabiex ikunu evitati żbalji kbar fil-politiki baġitarji, li jistgħu jipperikolaw is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi u potenzjalment jipperikolaw l-UEM. Dan jissarraf fl-obbligu tal-Istati Membri li jevitaw żbilanċi tal-gvern eċċessivi, li huma definiti kontra limitu tal-iżbilanċ numeriku (3% tal-PGD) u dejn (60% tal-PGD jew li jkun qiegħed jonqos biżżejjed lejh). Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (EDP) li timplimenta l-projbizzjoni fuq żbilanċi eċċessivi tipprevedi sekwenza ta' passi, li għall-pajjiżi fiż-żona tal-euro, tinkludi l-impożizzjoni eventwali ta' sanzjonijiet finanzjarji.

L-EDP ġiet applikata b'mod regolari skont id-dispożizzjonijiet rilevanti, saħansitra quddiem l-isfond taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-kriżi finanzjarja, biex b'hekk tikkontribwixxi sabiex jiġu ankrati l-aspettattivi tar-riżoluzzjoni ordnata tagħha. Madankollu, feġġew għadd ta' nuqqasijiet. Waqt li l-kriterji tal-iżbilanċ u d-dejn huma fil-prinċipju tal-istess importanza, u jista' jkun argumentat li livelli ta' dejn għoljin b'mod persistenti jirrappreżentaw theddida aktar serja għas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi minn żbilanċi għoljin kull tant żmien, fil-prattika, il-livell ta' '3% tal-PGD' kien il-fokus kważi esklussiv tal-EDP, bid-dejn sa issa jkollu rwol marġinali. Dan minħabba n-natura inqas ovvja tal-livell aċċettabbli tad-dejn meta mqabbel mal-iżbilanċ, inkluż l-ambigwità tal-kunċett ta' pass ta' tnaqqis li jonqos biżżejjed u l-impatt ikbar fuq il-proporzjon tad-dejn tal-fatturi varjabbli barra l-kontroll tal-gvern, b'mod partikolari l-inflazzjoni. L-EDP, fil-prinċipju hija appoġġjata minn mekkaniżmu ta' infurzar qawwi, għaliex jistgħu, u għandhom jiġu imposti sanzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' nuqqas persistenti milli jkun ikkoreġut żbilanċ eċċessiv. Madankollu, sanzjonijiet bħal dawn, diskutibbilment, jidħlu fis-seħħ tard wisq fil-proċess biex ikunu jirrapreżentaw deterrent effettiv kontra l-iżbalji kbar fil-politika fiskali, mhux l-inqas minħabba li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-pajjiż ikkonċernat tista' tkun iddeterjorat tant li tagħmel it-theddida ta' multa inqas kredibbli proprju meta suppost issir reali. Finalment, il-kriżi riċenti enfasizzat li jekk l-obbligu li jkunu kkoreġuti l-iżbilanċi eċċessivi jikkontribwixxi biex tkun ankrata l-aspettattiva li l-likwidità tal-gvern sejra tinżamm, l-iskeda taż-żmien għall-korrezzjoni u l-profil tal-aġġustament jista' jkollhom jirriflettu l-kunsiderazzjonijiet tal-UEM kollha.

Bi tweġiba għal dawn in-nuqqasijiet, qegħdin jitressqu l-proposti ewlenin li ġejjin għar-riforma tal-parti korrettiva.

Il-kriterju tad-dejn tal-EDP għandu jsir operattiv, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' punt ta' referenza numeriku biex jitkejjel jekk il-proporzjon tad-dejn huwiex qiegħed jonqos biżżejjed lejn l-limitu ta' 60% tal-PGD. B'mod speċifiku, proporzjon ta' dejn mal-PGD ta' aktar minn 60% għandu jitqies bħala li qiegħed jonqos biżżejjed jekk id-distanza tiegħu fir-rigward tas-60% tal-valur ta' referenza tal-PGD ikun naqas matul it-tliet snin preċedenti b'rata fl-ordni ta' wieħed minn għoxrin kull sena. Nuqqas ta' konformità ma' dan il-punt ta' referenza numeriku mhuwiex, madankollu, mistenni li bilfors iwassal biex il-pajjiż ikkonċernat jitpoġġa fi żbilanċ eċċessiv, minħabba li din id-deċiżjoni tkun teħtieġ li tqis il-fatturi kollha li huma rilevanti, b'mod partikolari għall-evalwazzjoni tal-iżviluppi tad-dejn, bħal jekk it-tkabbir nominali baxx ħafna huwiex qiegħed ixekkel it-tnaqqis tad-dejn, flimkien mal-fatturi tar-riskju marbuta mal-istruttura tad-dejn, id-dejn tas-settur privat u r-responsabbilitajiet impliċiti relatati max-xjuħija. F'konformità ma' enfasi akbar fuq id-dejn, aktar konsiderazzjoni għandha tingħata lill-fatturi rilevanti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kriterju tal-iżbilanċ, jekk pajjiż ikollu dejn taħt il-livell ta' 60% tal-GDP.

L-approċċ aktar flessibli mressaq fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti fil-passi tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv jista' jkun ta' benefiċċju wkoll għal pajjiżi li jwettqu riformi sistematiċi fil-pensjonijiet, lil hinn mill-perjodu transitorju ta' ħames snin previst attwalment. Id-dispożizzjonijiet speċjali tal-SGP għal riformi sistematiċi tal-pensjonijiet fir-rigward tal-kriterju tal-iżbilanċ huma estiżi wkoll għall-kriterju tad-dejn; permezz tal-istabbiliment tal-istess perjodu transitorju ta' ħames snin għall-kunsiderazzjoni tal-ispejjeż netti ta' riformi bħal dawn meta tkun evalwata l-konformità mal-kriterju tad-dejn. Finalment, għandha tingħata kunsiderazzjoni ugwali għat-treġġija lura parzjali jew totali tar-riformi sistematiċi tal-pensjonijiet implimentati preċedentement, kemm matul it-tnedija kif ukoll matul ir-revoka ta' EDP.

L-infurzar huwa msaħħaħ bl-introduzzjoni ta' sett ġdid ta' sanzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, li japplika aktar kmieni fil-proċess skont approċċ iggradwat. B'mod speċifiku, sejjer japplika depożitu li ma jagħtix imgħax u li jammonta għal 0.2% tal-PGD mad-deċiżjoni li pajjiż jitpoġġa fi żbilanċ eċċessiv, liema depożitu jinqeleb f'multa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rakkomandazzjoni inizjali biex ikun ikkoreġut l-iżbilanċ. L-ammont huwa ugwali għall-komponent fiss tas-sanzjonijiet diġà previst fil-pass finali tal-EDP. Huwa għandu ukoll rabta mal-ammont minimu li l-Istati Membri attwalment jirċievu f'impenji annwali minn subsett rilevanti tal-baġit tal-UE u dan għandu jħaffef iċ-ċaqliqa eventwali prevista għal sistema ta' infurzar ibbażata fuq il-baġit tal-UE kif spjegat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, imsemmija hawn fuq, tat-30 ta' Ġunju 2010. Aktar nuqqas ta' konformità tirriżulta f'żieda tas-sanzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti diġà fl-SGP. Biex titnaqqas id-diskrezzjoni fl-infurzar, huwa previst il-mekkaniżmu ta' 'votazzjoni bil-kontra' biex ikunu imposti s-sanzjonijiet il-ġodda f'rabta mal-passi suċċessivi tal-EDP. B'mod speċifiku, ma' kull pass tal-EDP, il-Kummissjoni tagħmel proposta għas-sanzjoni rilevanti, u din titqies bħala adottata, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix bil-kontra b'maġġoranza kkwalifikata fi żmien għaxart ijiem. Id-daqs tad-depożitu li ma jagħtix imgħax jew tal-multa jista' jitnaqqas jew jitħassar biss mill-Kunsill fuq il-bażi ta' proposta speċifika mill-Kummissjoni minħabba ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonali jew wara talba rraġunata mill-Istat Membru ikkonċernat.

Barra minn hekk, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet f'kull pass, inkluża l-possibilità li tingħata estensjoni tal-iskadenzi għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv, huma ċċarati billi jitpoġġa enfasi espliċitu fuq l-elementi fiskali varjabbli li jista' jkun ipotizzat li huma taħt il-kontroll dirett tal-gvern, b'mod partikolari l-infiq, b'analoġija mal-mudell propost għall-parti preventiva. Lil hinn minn dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi għal pajjiż partikolari, hija introdotta l-possibilità ta' estensjoni tal-iskadenzi anki fil-każ ta' kriżi ġenerali ekonomika.

Infurzar effettiv tal-qafas ta' koordinazzjoni baġitarja tal-UEM ma jistax ikun mistenni li jinkiseb biss mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-livell tal-UE. In-natura partikolari deċentralzzata tat-tfassil tal-politika fiskali fl-UE u l-ħtieġa ġenerali għal sjieda nazzjonali tar-regoli tal-UE jagħmluha essenzjali li l-objettivi tal-qafas ta' koordinazzjoni baġitarja tal-UEM ikunu riflessi fl-oqfsa baġitarji nazzjonali. Qafas baġitarju nazzjonali huwa s-sett ta' elementi li jiffurmaw il-bażi tal-governanza fiskali nazzjonali, jiġifieri l-qafas tal-politika istituzzjonali speċifika għall-pajjiż li jifforma t-tfassil tal-politika fiskali fuq livell nazzjonali. Dan jinkludi s-sistemi ta' kontabilità pubblika, l-istatistika, il-prattiki tat-tbassir, il-proċeduri baġitarji li jirregolaw l-istadji kollha tal-proċess baġitarju u b'mod partikolari l-oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju, u relazzjonijiet fiskali tas-subsetturi tal-gvern. Filwaqt li jridu jiġu rispettati l-ħtiġijiet u l-preferenzi speċifiċi tal-Istati Membri, għadd ta' elementi jispikkaw bħala meħtieġa fir-rigward li tkun żgurata kwalità minima u konsistenza mal-qafas baġitarju tal-UEM. Dawn huma s-suġġett tad-Direttiva dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali li qiegħda tkun proposta biex tikkumplimenta r-riforma tal-SGP. Karatteristiċi bħal dawn, l-ewwelnett jeħtieġu li l-aktar elementi primarji tal-oqfsa baġitarji nazzjonali, jiġifieri l-kwistjonijiet tal-kontabilità u statistika u l-prattiki tat-tbassir, jaħdmu skont l-istandards minimi Ewropej biex tkun iffaċilitata kemm it-trasparenza kif ukoll il-kontroll tal-iżviluppi fiskali. L-oqfsa baġitarji nazzjonali jeħtieġu wkoll li jadottaw perspettiva ta' ppjanar fiskali multiannwali sabiex tkun żgurata l-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-livell tal-UE fuq perjodu ta' żmien medju. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ regoli fiskali numeriċi li jwasslu għal konformità mal-limiti tal-iżbilanċ u tad-dejn. L-Istati Membri jridu jiżguraw li dawn il-karatteristiċi japplikaw għas-subsetturi tal-gvern ġenerali kollha. L-awtoritajiet nazzjonali jridu jiggarantixxu wkoll it-trasparenza tal-proċess tal-baġit billi jipprovdu informazzjoni

dettaljata rigward fondi extra-baġitarji eżistenti, l-infiq fuq it-taxxa u r-responsabbiltajiet kontinġenti.

2010/0277 (NLE)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 126(14) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) Hemm il-ħtieġa li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-aħħar għaxar snin ta' funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja. L-iżviluppi ekonomiċi riċenti ħolqu sfidi ġodda għat-tmexxija tal-politika fiskali madwar l-Unjoni u b'mod partikolari enfasizzaw il-ħtieġa għal rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri li jiffurmaw l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. B'mod partikolari huwa meħtieġ li jkun speċifikat x'iridu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv annessa għat-Trattati, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu.

(2) Il-gvernijiet tal-Istati Membri u s-subsetturi tal-gvernijiet tal-Istati Membri iżommu sistemi ta' kontabilità pubblika li jinkludu elementi bħaż-żamma tal-kotba, il-kontroll intern, ir-rappurtar finanzjarju, u l-verifika. Għandha ssir distinzjoni bejn dawn u d-dejta tal-istatistika li għandha x'taqsam mar-riżultati tal-finanzi tal-gvern ibbażata fuq metodoloġiji tal-istatistika, u minn tbassir jew azzjonijiet ta' bbaġitjar li għandhom x'jaqsmu mal-finanzi futuri tal-gvern.

(3) Prattiċi tal-kontabilità pubblika sħaħ u affidabbli għas-setturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika huma prekundizzjoni għall-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja li tkun komparabbli fl-Istati Membri kollha.

(4) Id-disponibilità ta' dejta fiskali hija kruċjali għall-funzjonament kif jixraq tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni. Disponibilità regolari ta' dejta fiskali f'waqtha u kredibbli hija ċ-ċavetta għal kontroll kif jixraq u f'waqtu, li mbagħad jippermetti azzjoni rapida fil-każ ta' żviluppi baġitarji kuntrarji. Element kruċjali biex tkun żgurata l-kwalità tad-dejta fiskali hija t-trasparenza, li teħtieġ disponibilità regolari ta' dejta bħal din.

[1] ĠU C […], […], pġ. […].

(5) Fir-rigward tal-istatistika, ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea[2] jistabbilixxi qafas leġiżlattiv għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea fir-rigward tal-formulazzjoni, l-applikazzjoni, il-kontroll u l-valutazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. Dak ir-Regolament stabbilixxa wkoll il-prinċipji li jirregolaw l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea: l-indipendenza professjonali, l-imparzjalità, l-oġġettività, l-affidabilità, il-kunfidenzjalità tal-statistika u l-effikaċja fl-infiq, u jagħti definizzjonijiet preċiżi ta' kull wieħed minn dawn il-prinċipji. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[3], kif emendat, isaħħaħ is-setgħat tal-Kummissjoni biex tivverifika d-dejta tal-istatistika użata fil-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

(6) Id-definizzjonijiet ta' 'gvern', 'żbilanċ' u 'investiment' huma stabbiliti fil-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv b'referenza għas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Ekonomiċi Integrati (ESA), sostitwita bis-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (adottata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità[4] u minn issa 'l quddiem imsejħa 'ESA 95').

(7) Tbassir makroekonomiku u baġitarju ppreġudikat u mhux realistiku jista' jxekkel l-effikaċja tal-ippjanar fiskali b'mod konsiderevoli u konsegwentement jista' jxekkel l-impenn għal dixxiplina baġitarja, waqt li t-trasparenza u l-validazzjoni tal-metodoloġiji tat-tbassir jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-kwalità tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju għall-ippjanar fiskali.

(8) Element kruċjali biex ikun żgurat l-użu ta' tbassir realistiku għat-twettiq ta' politika baġitarja huwa t-trasparenza, li trid tinvolvi d-disponibilità pubblika tal-metodoloġiji, l-ipoteżi u l-parametri li fuqhom huwa bbażat it-tbassir makroekonomiku u baġitarju uffiċjali.

(9) Xenarji alternattivi mbassra u projezzjonijiet baġitarji korrispondenti li jissupplimentaw ix-xenarju makroekonomiku ċentrali jippermettu l-analiżi ta' kif il-fatturi fiskali varjabbli jistgħu jevolvu taħt suppożizzjonijiet ekonomiċi differenti u b'hekk inaqqsu ħafna r-riskju li d-dixxiplina baġitarja tkun ipperikolata minn żbalji fit-tbassir.

(10) It-tbassir tal-Kummissjoni jipprovdi lill-Istati Membri b'punt ta' referenza utli għax-xenarju ċentrali tagħhom, u jseddaq il-validità tat-tbassir użat fl-ippjanar baġitarju, għalkemm kemm l-Istati Membri jkunu mistennija jqisu t-tbassir tal-Kummissjoni sejjer ivarja skont iż-żmien tat-tħejjija tat-tbassir u l-komparabilità tal-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet tat-tbassir.

---

2 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 87, tal-31.03.2009, pġ. 164.

3 ĠU L 145, 10.6.2009, pġ. 1.

4 ĠU L 310, 30.11.1996, pġ. 1.

(11) Il-kwalità tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju uffiċjali hija mseddqa b'mod kruċjali billi dawn jiġu vverifikat fl-istadju tal-ippjanar. Verifika bir-reqqa tinkludi l-iskrutinju tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi, it-tqabbil mat-tbassir imħejji minn istituzzjonijiet oħrajn u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tat-tbassir tal-imgħoddi.

(12) Fir-rigward tal-effikaċja ddokumentata ta' oqfsa baġitarji bbażati fuq ir-regoli tal-Istati Membri fil-promozzjoni tad-dixxiplina baġitarja, regoli fiskali nazzjonali qawwija li huma konsistenti mal-objettivi baġitarji fil-livell tal-Unjoni jridu jkunu l-pedament tal-qafas imsaħħaħ ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni. Regoli fiskali sodi għandhom ikunu mgħammra b'definizzjonijiet speċifikati tajjeb tal-miri flimkien ma' mekkaniżmi għal kontroll effettiv u f'waqtu. Barra minn hekk, l-esperjenza tal-politika wriet li biex ir-regoli numeriċi jaħdmu b'mod effettiv, iridu jintrabtu konsegwenzi man-nuqqas ta' konformità, fejn l-ispejjeż involuti jistgħu jkunu sempliċiment reputazzjonali.

(13) L-Istati Membri għandhom jevitaw politiki fiskali proċikliċi u l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali għandhom ikunu akbar fi żminijiet tajba. Regoli fiskali numeriċi speċifikati tajjeb għandhom iwasslu għal dawn l-objettivi.

(14) L-ippjanar fiskali nazzjonali jista' jkun konsistenti kemm mal-parti preventiva kif ukoll mal-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biss jekk jadotta perspettiva multiannwali u jsegwi b'mod partikolari l-kisba tal-objettivi baġitarji għal perjodu ta' żmien medju. Oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju huma strettament strumentali biex ikun żgurat li l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri huma konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Fl-ispirtu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[5] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[6], il-parti preventiva u l-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ma għandhomx jitqiesu f'iżolament.

(15) Għalkemm l-approvazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-baġit annwali hija pass ewlieni fil-proċess tal-baġit fejn id-deċiżjonijiet baġitarji importanti huma adottati fl-Istati Membri, il-maġġoranza tal-miżuri fiskali għandhom implikazzjonijiet baġitarji li jmorru lil hinn sewwa miċ-ċiklu baġitarju annwali. Perspettiva ta' sena waħda għaldaqstant tipprovdi bażi dgħajfa għall-politiki baġitarji sodi. Sabiex tkun inkorporata l-perspettiva baġitarja multiannwali tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni, l-ippjanar tal-leġiżlazzjoni tal-baġit annwali għandu jkun ibbażat fuq ippjanar fiskali multiannwali li jitnissel mill-qafas baġitarju għal perjodu ta' żmien medju.

(16) Id-dispożizzjonijiet tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja stabbilita mit-Trattat u b'mod partikolari l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir japplikaw għall-amministrazzjoni pubblika kollha, li tinkludi s-subsetturi tal-gvern ċentrali, il-gvern statali, il-gvern lokali, u l-fondi tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 2223/96.

(17) Għadd sinifikanti ta' Stati Membri ġarrbu diċentralizzazzjoni fiskali mdaqqsa bid-divoluzzjoni tas-setgħat baġitarji lil gvernijiet subnazzjonali. L-irwol ta' tali gvernijiet subnazzjonali biex jiżguraw il-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'hekk

---

[5] ĠU L 209, 2.8.1997, pġ. 1.
[6] ĠU L 209, 2.8.1997, pġ. 6.

żdiedet b'mod konsiderevoli, u għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li s-subsetturi tal-amministrazzjoni pubblika kollha jkunu koperti kif jixraq mill-firxa tal-obbligi u l-proċeduri stabbiliti fl-oqfsa baġitarji nazzjonali, speċifikament, iżda mhux esklussivament, f'tali Stati Membri aktar iddeċentralizzati.

(18) Biex ikunu effettivi fil-promozzjoni tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi, l-oqfsa baġitarji għandhom ikopru l-finanzi pubbliċi b'mod komprensiv. Għal din ir-raġuni, l-operazzjonijiet tal-fondi u l-korpi extrabaġitarji li għandhom impatt immedjat jew għal perjodu ta' żmien medju fuq il-pożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri għandhom jingħataw kunsiderazzjoni partikolari.

(19) Minħabba li l-objettiv tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri l-konformità b'mod uniformi mad-dixxiplina baġitarja kif meħtieġa mit-Trattat, ma tistax tinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I
# Suġġett u definizzjonijiet

*Artikolu 1*
*Is-Suġġett*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli ddettaljati rigward il-karatteristiċi tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri li huma meħtieġa biex tkun żgurata l-effikaċja tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' 'gvern', 'żbilanċ' u 'investiment' stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness għat-Trattati.

Barra minn hekk, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja:

'qafas baġitarju' tfisser is-sett ta' arranġamenti, proċeduri u istituzzjonijiet li huma l-bażi għat-twettiq tal-politiki baġitarji tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari:

(a) is-sistemi ta' kontabilità baġitarja u r-rapportar tal-istatistika;

(b) ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw it-tħejjija tat-tbassir għall-ippjanar baġitarju;

(c) ir-regoli fiskali numeriċi, li jistabbilixxu restrizzjoni permanenti fuq it-twettiq tal-politika fiskali mfissra f'termini ta' indikatur sommarju tal-prestazzjoni baġitarja,

bħall-iżbilanċ, is-self, il-bilanċ negattiv tal-baġit tal-gvern, jew komponent maġġuri tagħha;

(d) il-proċeduri baġitarji li jinkludu regoli proċedurali li jirregolaw il-proċess tal-baġit fl-istadji kollha;

(e) l-oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju bħala sett speċifiku ta' proċeduri baġitarji nazzjonali li jestendu l-perjodu għat-tfassil tal-politika fiskali lil hinn mill-kalendarju baġitarju annwali, inkluża d-determinazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika u tal-objettivi baġitarji għal perjodu ta' żmien medju;

(f) l-arranġamenti għall-analiżi biex tisseddaq it-trasparenza tal-elementi tal-proċess tal-baġit, inkluż fost l-oħrajn il-mandat tal-uffiċċji tal-baġit nazzjonali indipendenti jew l-istituzzjonijiet li jaġixxu fil-qasam tal-politika baġitarja;

